*ART. 258 KAP 12. ESEKUZZJONI SENTENZA WARA HAMES (5) SNIN.*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Mejju, 2001**

**Kawza Numru: 24**
**Rikors Numru: 1234/99/RCP**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Mediterranaean Wire Industries Limited u Av. Godfrey Gauci Maistre.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici a fol. 1 tal-process fejn talbet li din il-Qorti tawtorizza l-esekuzzjoni tas-

sentenza fl-ismijiet "Il-Prokuratur Legali Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs (1) Avukat Godfrey Gauci Maistre bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanta tas-socjeta` kummercjali "Mediterranean Wire Industries Limited u (2) Avukat Godfrey Gauci Maistre f'ismu propju" ta' l-14 ta' Jannar 1992 (Citaz. Numru.499/91/FGC (K)) a bazi ta' l-artikolu 258 Kap 12 peress li ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta' din l-istess sentenza, u kien baqa' bilanc ta' hames t'elef, tmien mija u tmienja u erbghin liri Maltin u tmienja u tlettin centezmu (Lm5,848.38) oltre imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat il-verbal tal-25 ta' Novembru 1999 fejn Dr Godfrey Gauci Maistre ghall-intimati ta' ruhu b'notifikat bir-rikors u bil-mozzjoni tal-appuntament tal-istess. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-18 ta' Jannar 2000.

Rat ir-risposta ta' l-intimati tat-12 ta' Jannar 2000 a fol 16 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia biex fil-mori tad-differiment jisma' l-provi kollha dwar il-kaz bil-fakolta li l-partijiet jipprezentaw ix-xhieda taghhom

anke bil-procedura ta' l-affidavit. Is-socjeta` rikorrenti fi zmien gimgha kellha tipprezenta *statement* tal-ammont minnha ndikat fit-tielet paragrafu tar-rikors bil-visto tad-difensur tal-kontro-parti u halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghas-16 ta' Marzu 2000.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici tal-21 ta' Jannar 2000 minn fol 20 sa fol 31 fejn permezz taghha gew prezentati *statements* dettaljati ta' kif waslet ghall-ammont indikat fir-rikors promotur.

Rat il-verbal tas-16 ta' Marzu 2000 fejn Dr Godfrey Gauci Maistre ghall-konvenuti nforma lill-Qorti li hemm seduta ffissata biex jingabru l-provi kollha tas-socjeta` konvenuta ghat-28 ta' Marzu 2000. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-18 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tat-18 ta' Mejju 2000 fejn Dr Audrey Demicoli ghas-socjeta` rikorrenti nfurmat lill-Qorti li saru diversi seduti u l-intimat ma ressaqx provi. Dr Gauci Maistre ghall-intimati nforma lill-Qorti li s-seduti li thassru, thassru ghax hu kien ma jiflahx. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti bi ftehim mad-difensuri tal-partijiet ghall-gheluq

tal-provi tal-intimati. Il-kawza giet differita biex l-Assistent Gudizzjarju jesplita l-inkarigu tieghu ghall-21 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 2000 fejn Dr Demicoli rrilevat illi ilha li ghalqet il-provi quddiem l-Assistent Gudizzjarju u mit-18 ta' Mejju u ma sar xejn. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u halliet ir-rikors ghall-provi kollha li fadal ghall-25 t'Ottubru 2000.

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 2000 fejn dehret biss Dr Audrey Demicoli u rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti. Il-kawza giet differita ghall-provvediment finali ghas-7 ta' Dicembru 2000.

Rat ir-rikors ta' l-intimati tat-30 ta' Novembru 2000 u d-digriet tal-Qorti ta' l-1 ta' Dicembru 2000 fejn laqghet it-talba w ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza w ordnat li ghas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2000 jitharrku x-xhieda kollha tal-intimati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn l-intimati u Dr Gauci Maistre msejhin tlett darbiet ma dehrux. Dr Audrey Demicoli ghas-socjeta` rikorrenti talbet li l-kawza tigi differita ghall-provvediment finali. Il-Qorti rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Dicembru 2000. Rat li l-intimati ma ressqu ebda provi ghal din is-

seduta u ghalhekk halliet il-kawza ghall-provvediment finali ghat-12 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Gauci Maistre talab is-sosspensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex jesebixxi dokumentazzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba u halliet ir-rikors ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-intimati ghas-17 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2001 fejn xehed Dr Wenzu Mintoff u Dr Gauci Maistre talab differiment biex jirregola ruhu. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-intimati ghall-24 ta' April 2001.

Rat il-verbal tal-24 t'April 2001 fejn is-socjeta` intimata u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, imma dehru biss Dr Audrey Demicoli u Paul Gambina ghas-socjeta rikorrenti. Peress li l-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-intimati li baqghu ma dehrux, il-kawza giet differita ghall-provvediment finali ghall-31 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija procedura *ai termini* tal-**artikolu 258 tal-Kap 12,** sabiex tigi awtorizzata l-esekuzzjoni ta' sentenza wara li jkunu ghaddew hames (5) snin.

Illi socjeta' rikorrenti allegat fir-rikors promotorju li baqa' ammont bilancjali ta' Lm5,848.38, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998 sad-data tal-effettiv pagament, u dan jinsab ikkoroborat permezz ta' rendikonti relattivi esebiti a fol. 21 sa fol. 31 tal-process, ghaliex dwar is-sentenza u taxxa legali citati ma jidhirx li hemm kontestazzjoni anke peress li kopji legali tal-istess jinsabu esebiti wkoll bhala Dok. "A" u Dok. "B" rispettivament a fol. 3 u 9 tal-process.

Illi l-kontestazzjoni tal-intimati hija fis-sens li ghalkemm jaqblu li huma debituri tas-socjeta' attrici, pero' ma jaqblux mal-ammont bilancjali peress ibbazat fuq imghax li huwa kompost, rati ta' imghax li inbiddlu, u gew inkluzi spejjez bankarji dwar l-istess.

Illi mill-istess *statements* esebiti, li jidhru li kienu jintbaghtu regolarment lill-intimati, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' dan, u jinghad ukoll li jekk l-ammont allegatament imhallas mill-intimati wara s-sentenza jammonta ghal kif qed isostnu ghall-Lm15,892.68 meta is-sorte kien ta' Lm20,780.54, bl-imghax mis-27

ta' Settembru 1990, u spejjez legali ta' Lm857.18, ghandu jirrizulta li l-ammont bilancjali tas-sorte, kif ukoll l-imghax dovut iwasslu zgur ghas-somma indikata fir-rikors promotorju.

Illi l-istess intimati sostnew fix-xhieda taghhom, li r-rata ta' imghax zdiedet, u wkoll li gew inkluzi spejjez legali inkluzi *debit advices costs*, li ma kienux inkluzi fis-sentenza, izda dwar dan ma ingabet ebda prova, ghalkemm fl-*entry datata* 14 ta' Marzu 1996 a fol. 21 tal-process, hemm indikat *advice* - Lm7, li allura ma kienx parti mill-istess sorte fis-sentenza, u ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-ammont indikat fir-rikors ta' Lm5,848.38, li allura jwassal ghas-somma ta' Lm5,841.38 oltre l-imghax mill-1 ta' Ottubru 1998.

Illi din il-Qorti ghalhekk ma ghandha ebda triq ohra hlief li tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti, b'dan pero' li l-ammont bilancjali dovut huwa dak ta' hames t'elef, tmien mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tmienja u tlettin centezmu (Lm5,841.38) bl-imghax legali ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998, u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati.

## III. KONKLUZZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tiddikjara ghal kull effett u

*buon fini* tal-ligi, li l-ammont bilancjali dovut mis-sorte, u spejjez legali huwa ta' hames t'elef, tmien mija u wiehed u erbghin lira Maltija u tmienja u tlettin centezmu (Lm5,841.38) bl-imghax legali ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1998 sal-effettiv pagament, u filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimati, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u b'hekk tirrendi ezekuttiva is-sentenza fl-ismijiet **"Il-Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine vs Avukat Dottor Godfrey Gauci Maistre nomine u propju"** tal-14 ta' Jannar 1992 (Citaz. Numru 499/91/FGC) u dan *ai termini* tal-**artikolu 258 tal-Kap 12.**

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Mejju, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Mejju, 2001**